Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Jannar 2026

Ħarġa Nru 54



Ħbieb il-Kappelli Maltin

PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta
e-mail: **hbiebkappellimaltin2024@gmail.com**
**Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin**

# EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

Saħħa 2025 ! Merħba 2026 ! Dħalna f'sena ġdida li nittamaw tkun waħda almenu tajba daqs li għaddejna minnha. Minn naħa tal-Kumitat nixtiequlkom sena ferm aħjar mimlija saħħa, kuntentizza, hena u paċi, u nwedukom ħafna aktar attivitajiet u żjarat ferm interessanti matul dawn it-tnax il-xahar li ġejjin.

Naħseb li kulħadd ħa gost bir-rigal li tagħjnikom, kalendarju ferm attrajenti b'ritratti ferm sbieħ u professjonali kif taf toħodhom il-fotografa brava Marika Caruana. Marika mill-ewwel aċċettat meta ġiet avviċinata sabiex l-Għaqda tuża wħud mir-ritratt għall-kalendarju. Nirringrazzjawha mill-qalb tal-ġest tagħha. Dan ix-xahar waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali l-Kumitat ħaseb ukoll biex lilkom il-Membri jirregalalkom rigal ieħor żgħir. Tkunu tafu bih dakinnhar.

Fi ftit ġranet oħra se tirċievu ċirkolari oħra bid-dettalji tal-Laqgħa Ġenerali Annwali li se tinżamm dakinhar tal-attivita. Maċ-ċirkolari se tirċievu wkoll kopja tal-Istatut sabiex min hu nteressat li jipproponi xi amenda/i jkun jista jressaqhom lil Kumitat sabiex jiġu diskussi fil-LĠA. Ninkoraġixxukom sabiex min hu nteressat li jifforma parti mill-Kumitat il-ġdid jimla l-formola li se jkollkom mehmuż wkoll maċ-ċirkolari. Bħalissa l-Kumitat hu magħmul minn sitt membri imma hemm spazju għal tliett membri oħra kif jistipula l-Istatut tal-Għaqda.

Narawkom ħbieb!

*N. Gingell*
Għall-Kumitat



Il-membri jisimgħu tagħrif l-Knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni fin-Nigret, limiti taż-Żurrieq

**Kumitat 2024-2025**

**President**
Miriam Schembri

**Viċi-President**
Norbert Gingell

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Relazzjonijiet Pubbliċi**
Owen Caruana

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

L-altar ewlieni tal-Kappella ta' Santa Marija Ħal Safi

Ritratt: Owen Caruana

# Il-Kappella ta' Santa Marija, Ħal Safi



Il-faċċata ta-kappella ta' Santa Marija rrestawrata

Din hija waħda mill-ħames kappelli li kienu jeżistu, fosthom ukoll dik ta' San Pawl li aktar tard saret il-Parroċċa, li jmorru lura sa qabel Mons. Pietru Dusina għamel il-viżta tiegħu f'Ħal Safi. Kien hemm żewġ kappelli, waħda ddedikata lit-Twelid tal-Madonna u l-oħra ddedikata lil Sant'Agata. Iżda dawn iż-żewġ kappelli kienu ġew ipprofanati għaliex kienu ġew traskurati u saħansitra ġġarfu.

Din il-knisja nbniet darbtejn għalkemm meta nbniet oriġinarjament ma nafux. Iżda wara l-viżta ta' Mons. P. Dusina, li sabha bla bibien u nieqsa minn kollox, ġiet ipprofanata fil-25 ta' Novembru, 1658 mill-Isqof Michele Balaguer.

F'Awwissu tal-1683 ġiet imbierka mill-ġdid mill-Kappillan Dun Mattew Xriha. Jidher ukoll li fl-1771 reġgħet inbniet u tkabbret għal kif nafuha llum, biz-zuntier quddiemha. Fiż-żmien, il-familja De Noto kienet tieħu ħsiebha, iżda wieħed mill-irġiel tat-tfal ma riedx jieħu ħsiebha aktar u wara l-1737, li sa dak iż-żmien kienet issir il-festa tal-Assunta, ġiet traskurata u ġġarfet. Iżda fuq talba ta' Ġużeppi Mangion lill-Isqof Bartolomew Rull, il-knisja reġgħet bdiet tinbena fl-1761, tlestiet f'Ottubru tal-1764 u tbierket sena wara u nbniet anke sagristija fil-ġenb tagħha.

Il-knisja barra milli għat-tagħlim tad-dutrina, intużat ukoll sabiex jinżamm l-armar tal-festa. Illum li tnaddfet, fil-festa ta' San Pawl toħroġ it-Traslazzjoni għall-Parroċċa.



Xogħol sabiħ ta' skultura fl-abside madwar it-titular



Xogħol sabiħ ta' skultura fl-abside madwar it-titular





Xogħol sabiħ ta' skultura fl-abside madwar it-titular



Sotto kwadru tond ta' Santa Katarina taħt it titular



Il-koppla rrestawrata

Il-knisja għandha faċċata b'erba' pilastri li jitilgħu saċ-ċinta u fuqhom hemm frontispizju. Ġewwa għandha artal wieħed bi prospettiva Barokka skulturata b'żewġ anġli jżommu l-gwarniċ wieħed kull naħa, fejn fil-gwarniċ hemm it-titular sabiħ tal-Assunta. L-abside hi skulturata u tirrappreżenta lill-Missier Etern imdawwar bir-raġġi. Din il-knisja li għandha l-art taċ-ċangatura, għandha antiporta u gallarija tal-orgni tal-injam li nħadmu fl-1772 u qamu fuq il-61 skud. Għandha wkoll koppla bla lanterna. F'dawn l-aħħar snin din il-knisja saret waħda sagramentali fejn fiha jkun espost is-Sagrament. Hija miżmuma tajjeb ħafna, u tista' titgawda minn kulħadd peress li tkun miftuħa kuljum għall-adorazzjoni.




**Santa Marija Assunta**
*Pittur mhux magħruf*
*Kappella Santa Marija Assunta - Safi*

Jingħad illi xi nies miż-Żurrieq għenu fil-bini ta' din il-knisja bil-patt li meta titlesta, fiha titpoġġa xbieha ta' Santa Katarina. Fil-fatt insibu li kwadru ovali ta' din il-qaddisa jokkupa post eżatt taħt il-kwadru titulari.

*Kitba: Louis Fenech*
*Informazzjoni misluta minn diversi sorsi*

*Ritratti : N Gingell, Owen Caruana sakemm mhux indikat*

# Il-Knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni fin-Nigret, limiti taż-Żurrieq



Il-faċċata tal-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni minn barra

Il-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni fiż-Żurrieq tinsab fl-inħawi magħrufin bħala tan-Nigret. Tagħmel parti minn kumpless ta' palazz, imma għandha l-faċċata prinċipali tagħha fuq in-naħa ta' barra tal-palazz. Inbiet flimkien mal-palazz biswitha (mibni bħala residenza tas-sajf), fl-1715 minn Fra Giacomo Togores y Valemuola, Castellan d'Emposta, kavallier tal-lingwa t'Aragona.

F'dan il-post qabel kien hemm knisja oħra ddedikata lill-Assunta, magħrufa bħala "*l-Assunta tax-Xagħra*", u kienet tinsab bejn il-knisja magħrufa bħala "*tal-Ħaqba*" u dik iddedikata lil San Luqa. Fiż-żjara ta' Dusina ċertu Lorenzo Muscat, bin dak li kien stabilixxa l-altar iddedikat lill-Lunzjata, wiegħed li jagħti sitt uqijiet ("*oncie*") għaż-żamma tal-knisja. Dusina insista li jiddokumenta din id-donazzjoni fir-rapport tiegħu iżda fl-istess waqt li faħħar il-ġenerożità ta' dan Lorenzo Muscat li għamel din id-donazzjoni, ordna li ma jsir l-ebda quddies fuq l-ebda altar ta' din il-knisja sakemm ma ssirx it-tiswija u l-manutenzjoni taż-żewġ altari ta' din il-knisja.

Fis-sena 1594 id-dedika tal-knisja inbidlet minn dik tal-Assunta għal dik tal-Lunzjata. L-isqof Gargallo fl-1608 u l-isqof Cagliares fl-1615 sabu li l-knisja kellha kull ma' kien hemm bżonn inklużi it-titular u l- lampier.

L-isqof Balaguer de Camerasa (1635 – 1637) jiddiskrivi l-kwadru titular juri lill-Madonna fiċ-ċentru b'San Ġwann il-Battista fuq naħa u Santa Katerina fuq in-naħa l-oħra. Fl-istess żmien, jiġifieri fis-sena 1634, il-knisja kienet magħrufa bħala "*Ta' Bieb ix-Xagħra*". Dan l-isqof imma kien iddekonsagra u ngħalqet għall-pubbliku fl-24 ta' Novembru tal-1658.

Fl-1728 il-Papa Benedittu XIII ħareġ digriet fejn ta indulġenza plenarja lill-dawk kollha li jżuru din il-knisja nhar waħda mis-seba' festi maġġuri tal-Madonna. Il-knisja l-ġdida ġiet ikkonsagrata fl-1739, din id-darba ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni.

Meta l-isqof Vincenzo Labini għamel żjara fl-1787 sabha miżmuma sew u kellha kull ma kienet teħtieġ.



L-altar ewlieni



Is-saqaf tas-sagristija

Fl-1818 saret l-istatwa ta' Santa Katerina mill-iskultur magħruf Marjanu Gerada. Mill-1881 sal-1883 il-palazz u l-knisja tal-Kunċizzjoni kienu nkrew minn għand Luigi Vassallo biex iservu bħala monasteru u provinċja f'Malta għal grupp ta' patrijiet Benedittini. Sal-1961 fil-palazz kien għad hemm xi affreski magħmulin minn dawn il-Benedittini. Mill-1935 'l hawn, il-kumpless tal-palazz u l-knisja bdew jintużaw bħala orfanatrofju mmexxi mis-sorijiet tal-Ulied il-Qalb ta' Ġesù.

Il-knisja hija merfugħha mit-triq b'għoli ta' żewġ tarġiet, għandha żewġ daħliet: waħda prinċipali fil-faċċata u l-oħra fuq il-ħajt tal-lemin. Il-faċċata hija ddekorata b'panew fuq kull naħa tal-bieb prinċipali. Il-kantunieri huma mdaħħlin ftit 'il ġewwa u dan jagħti impressjoni li l-knisja hija dejqa aktar milli fil-fatt hi.

Il-bieb prinċipali huwa mdawwar minn gwarniċun sempliċi. Fin-naħa ta' fuq hemm entablatura sempliċi sporġuta ftit pulzieri mill-gwarniċ tal-bieb. Eżatt taħtha, fil-ġnub, hemm żewġ disinji dekorattivi fil-ġebel forma ta' skroll. Fuq il-bieb hemm friża sempliċi li fuqha hemm pediment segmentali miftuħ fin-nofs tiegħu. Sa 1747 insibu li fuq il-bieb prinċipali kien hemm l-arma tal-Papa Benedettu XIII imnaqqxa fil-ġebel. Illum din m'għadiex hemm. Gwarniċa tal-ġebel iddawwar il-faċċata. Din hi miksura fin-nofs tagħha b'pediment triangulari li iżda m'għandux il-bażi l-mimduda. Fuq dan il-pediment hemm pjattaforma żgħira li fuqha hemm salib tal-ġebel. Dan il-pediment jgħin biex jerfa' l-ħarsa ta' dak li jkun 'il fuq.

Fuq kull kantuniera tal-faċċata prinċipali hemm kampnar tal-istess forma, b'erba' kolonni kwadri li jerfgħu baldakkin tal-ġebel b'boċċa fuq nett bħala tiżjin. F'wieħed hemm arloġġ u fl-ieħor hemm xi qniepen żgħar. Il-parapett imdawwar bil-balavostri tal-ġebel kif ukoll lanterna mdaqqsa poligonali li wkoll għandha salib żgħir tal-ġebel jinkurunaha.

Minn ġewwa, in-nava għandha l-kantunieri tagħha ittundjati u fiż-żjara tiegħu tal-1747 l-isqof Alpheran de Bussan iddeskriva l-għamla tagħha bħala waħda "*ovali*". Is-saqaf huwa troll, b'erba' kustilji ħerġin mill-erba' kantunieri u jispiċċaw fil-kantunieri tal-lanterna fin-nofs tas-saqaf. Kull naħa tal-lanterna hemm tieqa li sservi biex



Il-gallarija

iddawwal l-intern tal-knisja. Fuq il-bieb tal-ġenb hemm tieqa li fuqha hemm pediment segmentali. Din ukoll tagħti ftit dawl lill-knisja. Pariġġħa, fuq il-ħajt tax-xellug tal-knisja li jħares lejn it-tramuntana, darba kien hemm tieqa simili iżda llum din it-tieqa hija bblukkata.

Wara l-bieb prinċipali, minn ġewwa, hemm xatba tal-injam li l-parti ta' fuq tagħha sservi bħala poġġaman għal gallarija żgħira. Din ix-xatba sservi biex meta l-knisja tkun magħluqa biha, in-nies setgħet xorta waħda tinviżta s-Sagrament. Din il-gallarija, li setgħet serviet bħala kor żgħir jew anke bħala post privileġġjat għas-Sinjur tal-Palazz, titla' għaliha minn garigor u minnu tista' tibqa' tiela' għal fuq il-bejt tal-knisja. Fuq kull naħa tal-bieb prinċipali, minn ġewwa, wieħed isib fonti tal-ilma mbierek tal-irħam. Iżda dawn il-fontijiet mhumiex ippareġġjati u għalhekk jista' jkun li nġabu minn knejjes oħra differenti u tqiegħdu hemm.

Żewġ ħitan żgħar jisseparaw il-parti fejn hemm l-altar mill-bqija tal-knisja. Fil-kantunieri bejn dawn il-ħitan u nava nsibu żewġ niċeċ żgħar. Fihom insibu żewġ statwetti żgħar, waħda ta' San Ġużepp bil-Bambin f'idu u l-oħra turi x-xbieha tal-Madonna taħt it-titolu ta' Lourdes. Il-preżbiterju nnifsu huwa tarġa għola mil-bqija tal-knisja u jinkludi kor żgħir fuq kull naħa tal-altar li jintużaw mis-sorijiet għat-talb tagħhom ta' kuljum. Il-parti fejn hemm l-altar hija msaqqfa b'saqaf troll li jistrieħ fuq żewġ arkati.

L-altar tal-ġebel jinsab f'daħla żgħira, mgħolli mill-preżbiterju b'żewġ tarġiet, u miżbuħ bi sfumaturi biex jiġi qisu tal-irħam. Il-faċċata tal-altar fiha riljev li juri l-monogramma li tirrappreżenta lill-Madonna. Dan il-riljev huwa ndurat bid-deheb.

Il-kwadru titulari juri lill-Immakulata Kunċizzjoni flimkien ma' San Ġakbu, San Lawrenz u San Leonardu il-Konfessur. Il-Madonna hija mdawwra minn puttini li qed iħarsu lejha b'ħarsa ħelwa minn bejn l-isħab filwaqt li ħamiema bajda, li tirrappreżenta l-Ispirtu s-Santu,



Dettal tat-titular


It-titular

tidher nieżla mis-smewwiet. San Ġakbu jidher għarkubtejh filwaqt li San Lawrenz u San Leonardu jidhru bilwieqfa. Il-pożizzjonijiet tal-qaddisin kif ukoll il-ġesti tagħhom jimplikaw li qegħdin f'nofs konverżazzjoni. Dan hu kwadru tipiku tal-epoka. Fuq it-tila twaħħlu wkoll kuruna tal-metall, sitt stilel u qamar.

L-isqof de Bussan fl-1747 isemmi din il-pittura li jindika li dan il-kwadru seta' sar meta nbiet il-knisja l-ġdida fl-1715. Il-pittura turi influenza tal-istil Barokk Naplitan, li kien inġab f'Malta minn Mattia Preti. Il-pittura tidher li hi ta' xi pittur minuri miċ-ċirku ta' Gan Nikol Buhagiar. Il-kwadru jinsab imdawwar fi gwarniċ tal-ġebel imżejjen b'motif ta' weraq tal-*achantus* ikkuluriti. Fit-truf ta' fuq tal-gwarniċ insibu żewġ kapitelli u bejniethom hemm l-arma tal-monogramma tal-Madonna. Fuq din l-arma hemm kuruna kbira. Illum il-ġurnata, kurċifiss kbir u sett ta' sitt gandlieri fuq l-altar jgħattu mhux ftit dan il-kwadru.


San Benedittu

Fis-saqaf troll insibu dekorazzjoni oħra bl-Ispirtu s-Santu imdawwar minn raġġ ta' dawl. Pittura li turi lil San Benedittu tinsab fil knisja. Figura monumentali liebes l-abitu iswed u qed jitlob quddiem kurċifiss fil-kampanja. Wara l-kurċifiss jidhru l-baklu u mitra sempliċi li juru li kien Abbati. Fl-isfond naraw l-abazjia ta' Monte Cassino u kollox huwa mdawwal mir-raġġi taż-żernieq. Il-ħamiema li takkompanja l- qaddis tirrapreżenta lil oħtu, Santa Scholastika, li jingħad li meta mietet, Benedittu kellu viżjoni tagħha tiela' s-sema f'forma ta' ħamiema. San Benedittu naturalment hu marbut mal-preżenza tal-Benedittini fil-palazz ma' ġemb il-knisja iżda mhux magħruf jekk il-pittura saritx f'Malta jew inġiebet mill-Italja.

Insibu wkoll pittura tal-Madonna li għandha ċintorin madwar żaqqha. Din il-pittura setgħet kienet tifforma parti mid-devozzjoni tal-ħlas. Il- Madonna tidher minn qaddha 'l fuq u għandha proporzjon klassiku u turi influenza tal-Barokk Ruman. Il-Madonna qed tidher tinterċedi bejn dak li jkun qed jitlob u Alla li lejh qed tħares. Din il-pittura hija mżejna bi tnax-il stilla tal-fidda, ċintorin tal-fidda u ġiżirana tad-deheb b'salib imwaħħal magħha.


San Benedittu

Illum il-knisja għadha tintuża regolarment għall-quddies.

*Informazzjoni misluta mill-kitba ta'*

*Juliet Bonnici, b'żidiet minn Noel Ciantar,*

*Meħuda mis-sit kappellimaltin.*

*Riratti: N Gingell u Caroline Busuttil*

# Il-Kappella ta' San Andrija ta' Birmieġa, Iż-Żurrieq



Il-faċċata tal-kappella ta' San Andrija ta' Birmieġa ħdejn il-mitħna tax-Xarolla

Fuq il-konfini bejn iż-Żurrieq u Ħal Safi, eżatt quddiem il-mitħna tax-Xarolla hemm knisja antika li dan l-aħħar ġie irrestawrata wara li saritilha xi ħsara waqt xi xogħolijiet li kienu qed isiru u kienet qed tissogra li taqa' u tintilef.

Din hija l-knisja ta' San Andrija, magħrufa bħala *ta' Birmieġa*. Iċ-ċokon tagħha jixhed li fl-imgħoddi din kienet knisja tal-kampanja – iżda bl-iżvilupp taż-żewġ irħula ta' Ħal Safi u taż-Żurrieq illum il-ġurnata din tinsab imdawwra bil-bini.

Fid-devozzjoni popolari, San Andrija huwa normalment meqjus prinċiparjament bħala l-protettur tas-sajjieda. Jekk nitilqu minn din il-premessa ma niskantawx li fiż-Żurrieq nibtet ċerta devozzjoni lejh – għax iż-Żurrieq kien u għadu magħruf bħala raħal tas-sajjieda grazzi għall-wied li fih fuq ix-xaqliba ta' bejn in-Nigret u l-Qrendi. Li hemm stramb hu li fl-inħawi ta' Wied iż-Żurrieq u tan-Nigret, l-eqreb post lejn il-baħar li fih kienu joqogħdu n-nies, ma nsibux xbiehat jew knejjes ta' dan il-qaddis.




Sant Andrija Appostlu
*Francesco Zahra (1710-1773) (att)*
*Kappella Sant Andrija - Żurrieq*

Skont ir-reġistri tal-parroċċa taż-Żurrieq, il-parti l-kbira tal-irġiel li kienu joqgħodu n-Nigret kienu sajjieda u għalhekk huwa maħsub li d-devozzjoni lejn dan il-qaddis protettur tagħhom nibtet fosthom. Biss, għal xi raġuni jew oħra, ix-xhieda

tad-devozzjoni lejh tidher fit-tarf l-ieħor tar-raħal: fi knisja ċkejkna ddedikata lilu u fil-preżenza ta' altar iddedikat lilu fil-knisja arċipretali ta' Santa Katarina Verġni u Martri. Fl-imgħoddi kien hemm knisja oħra ċkejkna antika ħafna ddedikata lil San Andrija, li kienet mibnija fl-inħawi ta' Bubaqra. Din ġiet desakrata u mwaqqgħa fis-seklu sittax.

Illum il-ġurnata nistgħu ngħidu li d-devozzjoni lejn dan il-qaddis fiż-Żurrieq spiċċat fix-xejn. Naturalment għadha ssir il-quddiesa tiegħu nhar il-festa liturġika, u l-altar ikun imżejjen għal din l-okkażjoni. Barra minn dan iżda, ftit li xejn jiġbed attenzjoni. B'xorti ħażina, bħalma ġara fil-parroċċi kollha ta' Malta, meta kibru l-festi titulari u l-oħrajn li għandhom xi partit, id-devozzjonijiet sekondarji mietu u ntesew. U dan hu li ġara bid-devozzjoni lejn San Andrija f'dan ir-raħal.

Mhux magħruf wisq dwar din il-knisja, iżda dak li nafu fiċ-ċert hu li hija antika ferm. Tissemma' għall-ewwel darba fil-viżta pastorali ta' Mons. Pietru Dusina, li saret fl-1575. Viżti pastorali ta' mitt sena wara jgħidu li reġgħet inbniet minn Toni Zammit fl-1634, li ħalla wkoll xi flus biex jibqa' jsir il-quddies fiha. Ma tantx kellha ħajja twila, għax fil-festa ta' Santa Katarina tal-1658 l-Isoqf Balaguer de Camarasa ipprofanha u għalhekk kellha ma tibqax tintuża bħala lok ta' kult. Jidher iżda li wara xi żmien reġa' beda jsir il-quddies fiha, u nhar it-30 ta' Novembru kienet issir quddiesa kantata. B'sentenza tal-Kurja tat-23 ta' Otturbu 1690, din il-knisja saret il-proprjetà tal-knisja parrokkjali ta' Santa Katarina.

Din il-kappella hija sempliċi ħafna u tixbaħ ħafna lill-kappelli li nbnew fis-seklu sittax. Għandha faċċata lixxa mingħajr l-ebda disinn jew arkitettura. Il-binja, tneħħi s-saqaf kemmxejn imżerżaq tagħha, għandha forma kubika mill-aktar sempliċi. Sempliċi wkoll, iżda proporzjonata ħafna, hija l-faċċata li għandha bieb rettangulari sormontat minn tieqa żgħira rettangulari wkoll. Hemm ukoll kampnar b'salib tal-ġebel fuqu. Il-qanpiena li fl-imgħoddi kienet issejjaħ lin-nies għal xi quddies li seta' kien isir f'din il-kappella m'għadhiex teżisti. Fil-ġenb jidhru ukoll xi mwieżeb tal-ilma tax- xita.



Il-kappella minn ġewwa

Minn ġewwa l-kappella hija żgħira imma ħelwa. Għandha altar wieħed tal- ġebel u l-kwadru kien jitqiegħed f'daħla fil-ħajt forma ta' arkata. Il-pittura li kienet it-titular ta' din il-knisja llum tinsab għall-wiri fis-sagristija tal-knisja parrokkjali taż-Żurrieq. L-altar hu tarġa għola mill-kumplament tal-kappella. Il-kappella għandha saqaf tax-xorok li jzommuh arkati ġejjin nofs tond. L-art ta' din il-kappella hi taċ-ċangatura.

Il-kappella quddiemha għandha zuntier imdaqqas u hi mdawwra b'kanċell tal-ħadid. Wara l-kappella tidher il-mitħna tax-Xarolla, li kienet ġiet mibnija mill-Gran Mastru Manoel de Vilhena fl-1724. Fl-1992 din il-mitħna kienet ġiet irrestawrata b'tali mod li tista' taħdem bħalma kienet tagħmel qabel. Din ġiet mgħoddija lill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq fis-sena 2000 li sal-lum għadhom jieħdu ħsiebha. Din hi l-unika mitħna tat-tip tagħha f'Malta li għadha taħdem.

Ta' min isemmi ukoll li maġenb din il-mitħna nsibu ukoll xi oqbra Rumani u Biżantini. Dawn kienu nstabu meta kien qed isir xi tħaffir maġenb il-mitħna biex isir post rikreattiv. Minn studji li kienu saru mill-fuħħar li nstab f'dan il-kumpless jidher li dawn kienu intużaw f'perjodi differenti ta' żmien li jvarja bejn it-tielet u r-raba' sena wara Kristu kif ukoll fil-perjodu Biżantin bikri tas-sitt u s-seba' seklu wara Kristu.

Meta ġiet introdotta s-sistema tal-Kunsilli Lokali, inqala' xi nkwiet dwar ta' min hi din il-knisja, għax sew il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq kif ukoll dak ta' Ħal Safi rieduha għalihom. Saret tfittxija fl-arkivji tal-parroċċi rispettivi u tal-Kurja u nstab li kull attività li saret fiha minn dejjem kienet tiġi rreġistrata fil-parroċċa taż-Żurrieq u mhux ta' Ħal Safi jew tal-matriċi ta' Bir Miftuħ li minnha ħarġet il-parroċċa ta' Ħal Safi. Għalhekk kien ġie deċiż fuq bażi storika li din il-kappella kellha tibqa' tagħmel uffiċjalment mar-raħal taż-Żurrieq.

Il-kappella llum tinsab fi stat tajjeb ħafna. Fil-kappella ma ssir l-ebda quddiesa u tinfetaħ biss narament għal xi wirjiet kulturali li jsiru fiha.



Fonti tal-ilma mbierek

*Kitba ta' Rev. Jonathan Farrugia*

*Informazzjoni misluta mill-artiklu li deher fis-sit kappellimaltin.com*

*Ritratti: N Gingell*